**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 189/14 RM**

**Mario Falzon**

**-vs-**

**Kummissarju tad-Dwana u b'digriet tat-30 ta' April 2019, l-isem 'Il-Kummissarju tad-Dwana' gie sostitwit bl-isem 'Direttur Generali (Dwana)'**

**Illum, 27 ta' Jannar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attur iprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Mejju 2014 fejn talab lil din il-Qorti tirrilaxxa l-vettura tal-marka Toyota, tip Land Cruiser, bin-numru tar-registrazzjoni CBS 614, illi giet maqbuda mid-Dipartiment a bazi tal-allegazzjoni illi din il-vettura intuzat bhala mezz ta' garr ta' oggetti soggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar id-dazju tas-Sisja, u dan kif jidher min-Nota tal-Qbid numru 23/2014, datata tnax (12) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014), li qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok MF1, u dan peress illi din il-vettura ma kellhiex tinqabad.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

Il-valur tal-vettura ma jecceddiex €2500.

Rat ir-Risposta tal-konvenut ipprezentata fl-20 ta' Gunju 2014, fejn eccepixxa:-

1. Illi in linea preliminari, ghall-finijiet ta'kjarezza l-azzjoni odjerna kellha tigi ntavolata kontra d-Direttur Generali (Dwana);

2. Illi in linea preliminari ukoll, il-mertu tal-azzjoni odjerna huwa ezawrit stante li l-vettura tal-marka Toyota, it-tip Land Cruiser, bin-numru ta' registrazzjoni CBS 614 hija llum konfiskata b'Ordni tal-Qorti tal-Magistrati tat-2 ta' Gunju 2014 li hija res judicata u ghalhekk l-istess ammont ta' €2,500 rapprezentati garanzija bankarja li nghatat b'sostituzzjoni tal-vettura in kwistjoni m' ghadhiex propjeta` tar-rikorrent u dan skont id-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok DG U Dok DG1 rispettivament;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

4. Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:

- Illi permezz tan-Nota ta' Qbid numru 23/2014, fil-11 ta' Mejju 2014 l-esponent qabad il-vettura tat-tip Toyota Land Cruiser bin-numru ta' registrazzjoni CBS 614, peress li r-rikorrent harab b'velocita` qawwija minn fuq il-post tal-Palumbo Shipyard minn fejn kien dahal minghajr awtorizzazzjoni u dan kontra ordnijiet espressi tal-ufficcjali tad-Dwana li waqqfuh sabiex jispezzjonaw l-imsemmija vettura wara li r-rikorrent kien involut f' xiri illegali ta' sigaretti sdazjati min abbord il-lancja MORINA;

- Illi l-ufficcjali tad-Dwana kienu se jibdew jispezzjonaw l-imsemmija vettura u ndunaw b'oggett forma ta' kaxxa mghottija b' lizar abjad, u r-

rikorrent harab minn fuq il-post minkejja l-ordnijiet espressi tal-ufficcjali tad-Dwana sabiex jitfi l-magna tal-imsemmija vettura u jieqaf;

- Illi El Bourwai Mohammed Fathi li kien bahri fuq il-lancja MORINA u li kien riekeb mar-rikorrent ammetta li kien ghadu kemm biegh lir-rikorrent sidaretti sdazjati konsistenti f'50 grossa ghal prezz ta' €400 (erba' Mitt ewro) b' evazzjoni ta' dazji u taxxa relattivi a skapitu tar-erarju pubbliku;

- Illi effetivament jirrizulta lill-esponent li l-imsemmija sigaretti sdazjati ma kinux iddikjarati mil-Kaptan tal-lancja MORINA fil-prattka u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 37 u tal-Kap 383;

- Illi pendenti l-proceduri gudizzjarji, l-isemmija vettura giet sostitwita b' garanzija bankarja fl-ammont ta' €2,500 u dan ai termini tal-Kap 37 u fil-prezent l-imsemmija garanzija hija konfiskata;

5. Illi fil-fatt kif inghad aktar 'l fuq f'din ir-Risposta, l-imsemmija vettura hija illum konfiskata skont id-decizjoni tat-2 ta' Gunju 2014 tal-Magistrat Ian Farrugia li hija res judicata, fejn l-Onorabbli Qorti ordnat il-konfiska tal-istess vettura, fost oggetti ohra li kienu qed iservu bhala mezz ta' garr tas-sigaretti sdazjati nvoluti, wara li gie skopert mill-ufficcjali tad-Dwana dan in-negozju illegali minn fuq l-imsemmija lancja Morina li kienet f' Palumbo Ship Yard ghal fuq l-art fil-vettura in kwistjoni tar-rikorrent;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u dan anke minhabba l-fatt li l-ammont ta' €2,500 rapprezentanti garanzija

bankarja nghatat in sostituzzjoni tal-vettura in kwistjoni li hija diga konfiskata b'ordni tal-Qorti; bl-ispejjez.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat illi permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-15 ta' Jannar 2015, il-kawza thalliet sine die riappuntabbli una volta r-referenza kostituzzjonai tigi deciza;

Rat id-digriet taghha moghti fl-10 ta' Jannar 2019 li permezz tieghu riappuntat il-kawza ghas-smigh wara li r-referenza kostituzzjonali mitluba mill-attur giet determinata permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2018;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Frar 2019, ordnat illi l-atti tal-kawza jigu rikostruwiti wara li dawn baqghu ma gewx rintraccjati;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fl-udjenza tat-30 ta' April 2019, giet ordnata korrezzjoni fl-isem tal-konvenut billi l-kliem "Il-Kummissarju tad-Dwana" gew sostitwiti bl-isem "Direttur Generali (Dwana);

Rat illi l-konvenut ta ruhu b'notifikat b'din il-korrezzjoni waqt l-istess udjenza tat-30 ta' April 2019;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokument kollha prodotti in atti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-25 ta' Novembru 2020;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum sabiex tigi deciza t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fejn eccepixxa illi l-mertu tal-kawza jinsab ezawrit;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-kaz kif jemergu mill-atti u l-provi processwali, huma s-segwenti.

Illi fil-11 ta' Mejju 2014 in segwitu ghal sejba fuq bastiment MORINA ta' kwantita` sostanzjali ta' kartuniet ta' sigaretti, kollha sdazjati, saret tfittxija fil-vettura tal-attur Mario Falzon tal-ghamla Toyota Land Cruiser bin-numru ta' registrazzjoni CBS-614, izda minghajr ezitu pozittiv. Mill-investigazzjonijiet li saru mill-ufficjali tad-Dwana, gie identifikat certu Elbourawi Mohamed li ammetta l-involviment tieghu *inter alia* fl-importazzjoni illegali tas-sigaretti msemmija u min-naha tieghu, identifika lill-attur Mario Falzon, bhala l-persuna l-ohra li kienet involuta mieghu fil-ksur tal-ligijiet doganali.

Imbaghad, b'Nota ta' Qbid bin-numru 23/2014 datata 12 ta' Mejju 2014, giet konfiskata l-vettura tal-attur, fuq imsemmija, billi din giet meqjusa li ntuzat bhala mezz ta' garr ta' oggetti soggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa. Waqt il-proceduri kriminali istitwiti kontra Elbourawi Mohamed, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Elbourawi Mohamed**, giet esebita formalment il-vettura tal-attur[1], li fil-11 ta' Mejju 2014 giet maqbuda permezz tan-nota ta' qbid 23/2014.

[1] Ara Affidavit ta' Carmel Attard, Dok. CA, 7 ta' Jannar 2020.

Sussegwentement, l-attur odjern iddepozita fl-atti tal-imsemmija proceduri kriminali li ttiehdu kontra l-imsemmi Elbourwani Mohamed, garanzija bankarja fis-somma ta' €2,500 rapprezentanti l-valur tal-istess vettura in sostitizzjoni tal-istess vettura ghall-fini li din tigi rilaxxata lill-istess attur, kif effettivament gara.

B'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 2 ta' Gunju 2014, fil-kawza kontra Elbourwani Mohamed[2], il-Qorti, wara li sabet lill-imsemmi imputat hati fuq ammissjoni, ordnat li "*ghandhom jghaddu minnufih iz-zewg somom ta' flus ossia €200,000 u l-€2,500 iddepozitati taht l-awtorita' ta' din il-Qorti, rapprezentanti l-valur u in sostituzzjoni ta' l-oggetti legittimament maqbuda u sussegwentement rilaxxjati*." Jirrizulta li din is-sentenza llum ghaddiet in gudikat.

Mill-atti jirrizulta wkoll illi l-attur Mario Falzon kien tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat *inter alia* li fil-11 ta' Mejju 2014 instab li xjentement gie fil-pussess u taht il-kontroll tieghu oggetti sdazjati bi ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa. Din il-kawza giet deciza fil-25 ta' Gunju 2020[3] u l-attur, hemmhekk imputat, gie liberat mill-ewwel akkuza li biha kien gie mixli talli xjentement gie fil-pussess u taht il-kontroll tieghu, billi ghin jew kellu b'xi mod iehor x'jaqsam fil-ksur tal-ligijiet doganali, sigaretti bla dazju. Il-Qorti f'dik is-sentenza cahdet it-talba ghall-konfiska tal-vettura tal-istess attur Toyota Land Cruiser CBS-614 minhabba li huwa ma nstabx hati *inter alia* tal-ewwel akkuza.

Ikkunsidrat;

---

[2] Dok. DG, fol. 14 u fol. 127 *et seq.*
[3] Sentenza a fol. 144 *et seq*.

Illi permezz ta' din l-azzjoni, intavolata ai termini tal-Artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana ("l-Ordinanza"), l-attur jitlob ir-rilaxx tal-vettura di proprjeta` tieghu tal-ghamla Toyota Land Cruiser bin-numru ta' registrazzjoni CBS-614, u dan ghaliex skont hu, din qatt ma messet giet maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbid 23/2014.

Minn dan hu manifest li l-mertu tal-azzjoni attrici ossia l-iskop li huwa mahsub li jintlahaq bit-talba fir-Rikors promotur, huwa **r-rilaxx tal-vettura tal-attur mill-effetti tan-nota ta' Qbid 23/2014**. Din il-vettura inqabdet fil-11 ta' Mejju 2014 ghar-raguni li l-vettura "*intuzat bhala mezz ta' garr ta' oggetti soggetti ghall-konfiska taht l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar id-Dazju tas-Sisa*"[4] u dan skont kif prospettat fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 68 u 69 tal-Ordinanza.

Mill-atti jirrizulta li l-vettura li giet maqbuda mill-pussess tal-attur bis-sahha tan-nota ta' Qbid 23/2014, giet hekk kunsinnata lura lilu bis-sahha tal-Artikolu 72(4) tal-Ordinanza **wara li huwa ta lill-konvenut garanzija bankarja datata 2 ta' Gunju 2014 rapprezentanti l-valur tal-istess vettura**[5]. Din il-garanzija bankarja, li giet depozitata fl-atti tal-proceduri kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Elbourawi Mohammed**, inharget bil-kundizzjoni li din issir pagabbli in segwitu ta' sentenza finali favur il-Prosekuzzjoni u jew id-Direttur Generali (Dwana), fost ohrajn, fil-proceduri kriminali appena msemmija.

Huwa minnu li bis-sahha ta' garanzija bankarja mahruga fit-2 ta' Gunju 2014[6], il-vettura giet rilaxxata lill-attur, liema rilaxx sehh **wara** li huwa istitwixxa dawn il-proceduri fit-30 ta' Mejju 2014, izda b'daqshekk ma jfissirx necessarjament illi l-mertu tal-kawza huwa ezawrit ghaliex il-vettura giet rilaxxata lill-attur. Ghall-Qorti, il-fatt illi l-vettura mertu tal-azzjoni attrici giet rilaxxata u tinsab lura fil-pussess materjali tal-attur ma jfissirx li l-iskop tal-

[4] Ara Nota ta' Qbid, Dok. CA1, fol. 123.
[5] Garanzija bankarja Dok. CA6, fol 132, 133.
[6] Dok. CA6, fol. 132.

azzjoni intlahaq, proprju ghaliex, kif inghad, il-garanzija bankarja giet depozitata mill-attur a favur il-konvenut sabiex tirrapprezenta l-valur tal-vettura u, skont kif jipprovdi l-Artikolu 72(4) tal-Ordinanza, sabiex tissostitwixxi l-oggett maqbud, f'dan il-kaz il-vettura tal-attur mertu tat-talba tieghu f'din il-kawza.

F'kull kaz, huwa risaput li din il-Qorti fil-gurisdizzjoni inferjuri taghha, anke jekk ma tiġix ippruvata t-talba kif imfissra fir-rikors, iżda jiġi ppruvat jedd ieħor għad li dan il-jedd l-ieħor ma jkunx jidħol sewwa fit-talba oriġinali, tista' tiddeċiedi fuq dan il-jedd l-ieħor kif ikun ġie hekk ippruvat, fuq l-istess rikors[7] Ghaldaqstant, jekk il-Qorti ssib mill-provi li jitressqu quddiemha f'din il-kawza, li l-attur ghandu l-jedd li jikseb ir-rilaxx tal-vettura tieghu, tista' fic-cirkostanzi tordna r-rilaxx tal-garanzija bankarja rapprezentanti l-istess vettura anke jekk it-talba fir-Rikors promotur m'hijiex imfassla biex tikseb ir-rilaxx tal-garanzija bankarja.

Fil-kaz in dizamina, l-interess guridiku tal-attur huwa radikat proprju fil-qbid tal-fondi tieghu fl-ghamla tal-garanzija bankarja li formalment tirrapprezenta l-vettura li giet effettivament maqbuda b'effett tan-nota ta' qbid 23/2014. Ma jirrizultax mill-atti li din il-garanzija bankarja tilfet l-effetti taghha jew li altrimenti, il-fondi milqutin bil-garanzija bankjarja gew rilaxxati lill-attur fil-mori tal-proceduri odjerni, f'liema kaz l-interess guridiku tieghu fl-azzjoni tintilef irrimedjabbilment galadarba ma saret l-ebda talba ohra fir-Rikors promotur li l-Qorti giet adita biex taggudika dwarha.

Ikkunsidrat;

Izda l-konvenut, in sostenn tat-tieni eccezzjoni tieghu in dizamina, jargumenta illi l-mertu tal-azzjoni huwa ezawrit ghaliex il-garanzija bankarja li sostitwiet il-

[7] Art. 213 tal-Kap. 12.

vettura tal-attur, ma ghadhiex proprjeta` tal-istess attur ghaliex din giet konfiskata b'ordni tal-Qorti fis-sentenza moghtija fit-2 ta' Gunju 2014 fl-imsemmija proceduri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Elbourawi Mohamed**, liema sentenza ghaddiet in gudikat stante li ma giex intavolat appell minnha[8].

L-attur, da parti tieghu, isostni illi l-garanzija bankarja ma gietx konfiskata permezz ta' sentenza li nghatat fi procediment li ttiehed fil-konfront tieghu nnifsu, izda giet konfiskata bhala rizultat ta' proceduri kriminali mehudin fil-konfront ta' terzi persuni. Jikkontendi ulterjorment illi galadarba fil-proceduri kriminali li ttiehdu kontrih[9], huwa gie liberat mill-akkuza li xjentement gie fil-pussess u taht il-kontroll tieghu billi ghin jew kellu b'xi mod iehor x'jaqsam fil-ksur tal-ligijiet doganali, tant illi t-talba ghall-konfiska tal-vettura giet michuda, huwa ghad ghandu dritt li jesigi li l-oggetti maqbudin mill-pussess tieghu, jinghatawlu lura.

Il-Qorti tibda biex tosserva li f'din il-kawza, l-attur m'huwiex qieghed jimpunja l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fis-sentenza taghha tat-2 ta' Gunju 2014, li bis-sahha taghha l-garanzija bankarja moghtija minnu in sostituzzjoni tal-vettura, ghaddiet favur il-Gvern ta' Malta. Lanqas jista' l-attur jimpunja din l-ordni, galadarba dik is-sentenza u kwindi l-konfiska, supervjeniet l-intavolar ta' dawn il-proceduri. L-attur qieghed minflok impunja n-nota ta' qbid li bis-sahha taghha giet originarjament maqbuda l-vettura u sussegwentement, il-garanzija bankarja moghtija minnu ghall-hlas ta' somma li tirrapprezenta l-valur tal-istess vettura.

Din il-garanzija bankarja inghatat skont kif prospettat mis-subartikolu (4) tal-Artikolu 72 tal-Ordinanza li jiddisponi *inter alia* illi:-

---

[8] Dok. DG1, fol. 19.

[9] Il-Pulizija vs Mario Falzon, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta' Gunju 2020, fol. 144 *et seq*.

"*Dik is-somma jew garanzija, skont il-kaz, ghandha tinzamm* [mid-Direttur] *biex taghmel tajjeb ghal kull pretensjoni li jista' jintalab dwarha skont il-ligi u ghall-fini ta' kull procedimenti mehuda taht din l-Ordinanza dwar l-oggetti maqbuda* [inkluz din il-procedura]*, ghandha tirrapprezenta u tissostitwixxi l-oggetti maqbuda msemmija*."

Il-Qorti tosserva illi fir-rigward tal-konvenut, bhala d-Direttur Generali Dwana, il-qbid tal-vettura tal-attur kienet mizura tassattiva li ma kellu l-ebda diskrezzjoni ma japplikahiex galadarba, kif mahsub fl-Artikolu 68 tal-Ordinanza, dik il-vettura ntuzat xjentement fil-garr jew habi tas-sigaretti sdazjati. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija pacifika[10] fis-sens li din il-procedura ta' konfiska hija wahda *in rem* u hija distinta u awtonoma minn kull kwistjoni dwar htija kriminali o meno tas-sid tal-oggett soggett ghal qbid minhabba ksur tal-ligijiet doganali. Kemm hu hekk, huwa risaput li l-bonafide u innocenza tal-proprjetarju jew l-utent tal-vettura jew mezz iehor uzat ghat-trasport, habi u garr tal-oggetti zdazjati bi ksur tal-ligijiet doganali, hija immaterjali ghall-fini tal-validita` o meno tal-konfiska tal-istess vettura mid-Direttur taht l-Artikolu 68 tal-Ordinanza.

Madanakollu, dan in-nuqqas ta' diskrezzjoni tad-Direttur fir-rigward tal-konfiska tal-mezzi tal-garr u trasport ta' oggetti zdazjati, ma jistax jinghad li japplika bl-istess mod ghas-setghat tal-Qorti fit-thaddim tal-imsemmi Artikolu 68 tal-Ordinanza. Dan qed jinghad ghaliex il-ligi nnifisha, permezz tal-Artikolu 72 tal-Ordinanza, taghti rimedju lis-sid tal-vettura sabiex l-att innifsu tal-konfiska jigi mistharreg minn qorti fi proceduri civili mmirati ghat-thassir tal-qbid ta' xi oggett mid-Direttur u ghall-ghoti ta' ordni mill-istess qorti ghar-rilaxx ta' dak l-oggett favur sidu jekk jinghataw ragunijiet tajbin ghala dan ghandu jsir. Din il-procedura hija proprju dik odjerna istitwita mill-attur Mario Falzon. Il-Qorti tqis li kieku l-imsemmi Artikolu 68 tal-Ordinanza kellu jigi interpretat bhallikieku l-qrati ma ghandhom ebda diskrezzjoni hlief li

---

[10] Ara fost ohrajn: **Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa v. Kontrollur tad-Dwana**. Qorti tal-Appell 29.1.2016.

jifformalizzaw u jimplimentaw il-konfiska tassattiva tal-vettura jew mezz iehor tal-garr ta' oggetti maqbudin mid-Direttur taht l-Ordinanza, il-procedura prospettata mill-Artikolu 72 ma jkun fiha l-ebda skop u certament, il-legislatur ma jistax jitqies li fassal procediment li huwa kapaci biss jaghti ezitu purament akkademiku u formali minflok rimedju sostantiv.

Madanakollu – biex tigi indirizzata l-kontenzjoni tal-attur li l-vettura giet konfiskata permezz ta' sentenza moghtija fi proceduri mnedija kontra terzi u mhux kontrih personalment - hija l-fehma tal-Qorti li **galadarba ikun gie stabbilit minn qorti fi proceduri kriminali dwar ksur tal-ligijiet doganali, li l-vettura li tkun giet maqbuda u konfiskata mid-Direttur bis-sahha tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza, tkun effettivament intuzat ghall-garr jew habi tal-oggetti tal-kuntrabandu, dik il-qorti tista' tordna l-konfiska tal-vettura jew il-mezz iehor tal-garr tal-kuntrabandu, anke jekk dik il-vettura ma tappartjenix lill-akkuzat izda tappartjeni lil terzi persuni**.

Issa jirrizulta li fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra Elbourawi Mohammed, l-akkuzat ammetta l-htija tieghu ghall-akkuza, fost ohrajn, li huwa ddispona minn sigaretti bla dazju billi 'barka minn fuq il-bastiment '*Morina*' ghal gol-vettura Toyota Land Cruiser CBS-614. Jirrizulta wkoll li din il-vettura, li giet maqbuda bis-sahha tan-nota ta' qbid 23/2014, giet sostitwita bil-garanzija bankarja biex il-vettura tigi rilaxxata lill-attur, liema garanzija bankarja giet prodotta fl-atti ta' dawk il-proceduri[11]. Il-Qorti tqis li b'din l-ammissjoni inkondizzjonata u l-konsegwenti dikjarazzjoni ta' htija ta' Elbourawi Mohamed permezz tas-sentenza tat-2 ta' Gunju 2014, **gie inevitabbilment stabbilit mhux biss li kien sehh ksur tal-ligijiet doganali izda wkoll li l-vettura tal-attur - li giet maqbuda bis-sahha tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza u esebita fl-atti tal-kawza - kienet effettivament intuzat xjentement fil-garr u jew habi ta' oggetti tal-**

[11] Ara pagna 4 tas-sentenza tal-14 ta' Gunju 2014, fol.130.

**kuntrabandu.** B'hekk giet ippruvata r-raguni moghtija fin-nota 23/2014 ghall-qbid tal-vettura tal-attur, bil-konsegwenza li l-Qorti ordnat il-konfiska *inter alia* tal-garanzija bankarja li nghatat in sostituzzjoni tal-istess vettura.

Huwa minnu li din il-konfiska ma gietx ordnata fil-kors ta' proceduri istitwiti kontra l-attur izda kontra terzi, izda kif rajna, l-ammissjoni ta' htija tal-imputat Elbourawi Mohamed f'dawk il-proceduri, inkluz il-htija ghar-reat addebitat fl-ewwel akkuza[12], ma setghetx hlief titqies li **tikkostitwixxi prova tajba tar-raguni ghall-qbid tal-vettura skont l-Artikolu 68 tal-Ordinanza u kwindi, raguni tajba ghall-ordni ta' konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-istess vettura**.

In tema legali, il-Qorti tosserva li l-Artikolu 67 tal-Ordinanza jaghmilha pjuttost car illi meta tigi pronunzjata l-htija tal-akkuzat mill-Qorti tal-Maġistrati fi proceduri kriminali li fihom l-oggetti maqbuda jigu esebiti, dawn l-oggetti għandhom jigu konfiskati minghajr ebda distinzjoni bbazata fuq il-proprjeta` ta' dawk l-oggetti jew fatturi ohrajn. Effettivament, jidher li m'huwiex relevanti ghall-fini tal-konfiska mill-Qorti taht l-imsemmija dispozizzjoni legali, jekk l-oggetti maqbudin u konfiskati jappartjenux lill-hati jew lil terza persuna u dan huwa evidenti mid-dispozizzonijiet tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza.

Kemm hu hekk, in propositu ta' din id-dispozizzjoni legali, inghad hekk fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Farrugia vs Direttur Generali, Dwana ta' Malta**[13]:-

"*Il-fatt li persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha.* ***Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta' oggetti li d-dazju***

[12] Cioe` talli fil-11 ta' Mejju 2014, xjentement iddispona minn sigaretti bla dazju fi kwantita` ta' 50 kartuna b'200 sigarett kull kartuna, billi 'barka minn fuq il-bastiment fuq imsemmi ghal gol-vettura Toyota Land Cruiser bin-numru tar-Registrazzjoni CBS614.

[13] Deciza 13 ta' Novembru 2015, Prim'Awla tal-Qorti Civili.

***taghhom ma thallasx, il-konfiska hi ex lege****.* ***L-Artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li s-sid ma kellux x'jaqsam fir-reat****. Tant dan hu minnu li l-Artikolu 67 tal-istess ligi jipprovdi li* ***oggetti li jkunu nqabdu taht id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza u li jigu esibiti fil-qorti waqt proceduri gudizzjarji, f'kaz ta' sejbien ta' htija jsiru proprjeta tal-Gvern. Hawn ukoll il-qorti m'ghandhiex diskrezzjoni****. Il-provvediment ma jaghmilx distinzjoni proprjeta ta' min huma l-oggetti, u anzi l-Artikolu 67 jibda bil-kliem: "B'dak kollu li jinsab f'kull ligi ohra…". Ghalhekk f'kazijiet taht il-Ordinanza ma japplikax dik il-parti tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) li jipprovdi li l-corpus delicti ma jigix konfiskat meta persuna "…. li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq dawk l-oggetti". Fattur li jsahhah il-fehma tal-qorti kemm f'kazijiet ta' kuntrabandu l-ligi, fir-rigward tal-konfiska tal-corpus delicti, ma taghmilx distinzjoni bejn min iwettaq ir-reat u s-sid li ma jkunx ha sehem fid-delitt."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Kif diga` nghad, fis-sentenza moghti mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 ta' Gunju 2014, fost ohrajn gie stabbilit, permezz tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat Elbourawi Mohamed, li l-vettura tal-attur odjern, esebita f'dawk il-proceduri permezz tal-garanzija bankarja, kienet intuzat ghall-garr tal-oggetti zdazjati bi ksur tal-Ordinanza. Applikati d-dispozizzjonijiet tal-imsemmi Artikoli 67 tal-Ordinanza, il-Qorti tqis li din id-dikjarazzjoni ta' htija ma setghetx hlief iwassal ghall-konfiska tassattiva tal-oggetti maqbudin, fosthom ghalhekk il-hwejjeg tal-attur odjern.

Ikkunsidrat;

Stabbilit dan, il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-kontenzjoni tal-attur li fil-mori ta' din il-kawza, il-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu dwar l-istess ksur tal-ligijiet doganali, inqatghu permezz tas-sentenza fl-ismjiet **Il-Pulizija vs Mario Falzon** moghtija fil-25 ta' Gunju 2020[14] fejn huwa gie liberat minn kull htija ghall-ewwel akkuza migjuba kontrih cioe` li xjentement gie fil-pussess u taht il-kontroll tieghu, billi ghin jew kellu b'xi mod iehor x'jaqsam fil-ksur tal-ligijiet doganali, sigaretti bla dazju. L-attur isostni li

[14] Esebita b'nota tat-13 ta' Ottubru 2020.

galadarba t-talba ghall-konfiska tal-vettura tieghu giet specifikatament michuda minn dik il-Qorti proprju ghaliex huwa gie liberat mill-imsemmija akkuza, il-konfiska li saret precedentement permezz tas-sentenza gia` moghtija fil-konfront tal-komplici tieghu, tfisser li huwa qed jigi penalizzat ghal reat li huwa ma wettaqx.

Il-Qorti hawnhekk terga' taghmel referenza ghall-Artikolu 67 tal-Ordinanza, li jipprovdi hekk:-

*B'dak kollu li jinsab f'kull liġi oħra,* ***kull oġġetti maqbuda taħt id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza u esibiti fil-qorti waqt il-proċedimenti relattivi, għandhom*** *–*
*(a)* ***meta minħabba dikjarazzjoni ta' ħtija mill-Qorti tal-Maġistrati l-oġġetti maqbuda għandhom jiġu ikkonfiskati*** *u ma jkunx sar appell kontra dik id-dikjarazzjoni qabel l-egħluq taż-żmien mogħti għall-egħmil ta' appell jew xi appell bħal dak jiġi abbandunat; jew*
*(b) wara appell magħmul mid-difiża jew mill-prosekuzzjoni, meta l-Qorti tal-Appell tikkonferma d-dikjarazzjoni ta' ħtija jew issib lill-akkużat ħati,*
***isiru l-proprjetà tal-Gvern*** *u ma jkunx meħtieġ isir rikors lill-qorti kompetenti mill-Kummissarju biex jieħu pussess tagħhom.* [emfasi tal-Qorti]

Minn dan huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, li l-**jedd tas-sid li jitlob ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda skont id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, inkluz l-oggetti uzati ghall-garr tal-kuntrabandu skont l-Artikolu 68 tal-Ordinanza, jispicca kif dawn l-oggetti jigu konfiskati b'ordni tal-Qorti fil-proceduri kriminali fejn jigi stabbilit definittivament il-htija ghal dak ir-reat.**

Kif diga` nghad, ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 67 tal-Ordinanza, huwa immaterjali jekk is-sid tal-oggetti maqbudin u esebiti quddiem il-qorti li ssib htija, huwiex parti f'dawk il-procedimenti relattivament ghal dawk l-oggetti, ghaliex il-konfiska hija tassattiva galadarba tinsab htija ghall-ksur tad-dispozizjoni tal-Ordinanza li tahtha gew konfiskati dawk l-oggetti. Din il-fehma hija msahha mill-fatt li s-subartikolu (2) tal-Artikolu 68 ikompli

jipprovdi li l-oggetti maqbuda taht l-Ordinanza **jitqiesu konfiskati bis-sahha tal-ligi stess** kemm il-darba s-sid tal-oggetti jonqos milli jitlob lura l-hwejjeg maqbuda fit-terminu specifikat fl-istess dispozizzjoni legali[15]: fir-rigward, **il-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn oggetti maqbudin fi procedimenti kontra s-sid tal-istess oggetti u bejn oggetti tal-istess sid maqbudin fi procedimenti kontra terzi persuni**.

Tant huwa minnu li l-jedd ghar-rilaxx tal-oggetti maqbudin bis-sahha ta' xi dispozizzjoni tal-Ordinanza, jispicca bil-konfiska tal-oggetti bis-sahha tal-ligi stess jew mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija ta' ksur tal-ligijiet doganali, illi l-istess Ordinanza tipprovdi li f'wahda jew ohra minn dawn ic-cirkostanzi, l-oggetti jistgħu jinbiegħu mill-Gvern jew isir bihom xort'oħra minghajr il-htiega ta' ebda formalita` ohra[16].

Din il-konkluzjoni tinsilet ukoll mill-provvedimenti tal-Artikolu 672 tal-Kodici Kriminali:-

*Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, meta l-oġġett ikun ġie esibit f'qorti filwaqt li jkunu qegħdin isiru proċeduri għal xi reat kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew kontra l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni* ***u l-oġġett ikun ġie kkonfiskat favur il-Gvern bis-saħħa tat-tħaddim ta' xi dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, dak l-oġġett għandu jiġi rilaxxat favur il-Kontrullur tad-Dwana****. F'kull każ ieħor l-oġġett esibit kif hawn aktar qabel imsemmi ma għandux jiġi rilaxxat, ħlief fl-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni finali tal-qorti ċivili kompetenti, jekk il-Kontrullur tad-Dwana joġġezzjona għal dak ir-rilaxx.*

Minn dan kollu, il-Qorti fehmet li t-talba ghall-ghoti lura tal-oggetti li gew maqbuda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, galadarba gew esebiti

[15] Il-konkluzjoni li l-oggetti maqbuda ma jistghux jintalbu lura **hlief qabel** ikunu gew konfiskati b'ordni tal-Qorti jew **qabel** jghaddi t-terminu statutorju biex issir din it-talba, tinsilet ukoll mid-dispozizzjonijiet tal-Art. 77 tal-Ordinanza: "*Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti,* ***maqbuda*** *minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra* ***li ġġib magħha l-konfiska****, inkella* ***fi proċedimenti*** *għall-ġbir ta' xi piena ta' flus jew xort'oħra skont din l-Ordinanza…*" [emfasi tal-Qorti]

[16] Ara Art. 67 u Art. 72(2) tal-Ordinanza.

quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-procedimenti relattivi, setghet issir permezz tal-procedura prospettata mill-Artikolu 72 tal-Ordinanza **biss safejn dawk l-oggetti ikunu ghadhom maqbudin u konfiskati mid-Direttur konvenut permezz ta' nota ta' qbid u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza, izda mhux wara li l-oggetti maqbuda gew konfiskati bis-sahha tal-ligi stess jew bis-sahha ta' dikjarazzjoni ta' htija mill-Qorti waqt il-procedimenti fejn jinsabu esebiti dawk l-istess oggetti**.

Il-korollarju ta' dan, fil-kaz in dizamina, huwa li bl-ordni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha tat-2 ta' Gunju 2014[17] li l-garanzija bankarja esebita fl-atti tghaddi minnufih a favur il-Gvern ta' Malta, **l-oggett tat-talba tal-attur ghadda irrimedjabbilment favur l-istess Gvern bil-konsegwenza li l-oggett, bhala proprjeta` tal-Gvern, ma baqax iktar disponibbli li jinghata lura lill-istess attur** hlief, forsi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 75 tal-Ordinanza. Dan jipprovdi:-

*Fil-każijiet ta' qbid, jew ta' pieni jew ta' konfiski taħt din l-Ordinanza, il-President ta' Malta jista' jordna li l-oġġett maqbud jiġi mogħti lura, sew qabel kemm wara l-kundanna għall-konfiska,jew li ma jittieħed ebda proċediment, jew inaqqas jew jaħfer dawk il-pieni jew konfiski, taħt dawk il-pattijiet jew kondizzjonijiet li huwa jidhirlu sewwa*

Dan huwa minnu anke jekk, kif rajna, il-konfiska giet ordnata mill-Qorti bis-sahha ta' sentenza moghtija fi procedimenti kontra terzi persuni, purche` l-oggett maqbud minghand is-sid ikun gie esebit f'dawk il-procedimenti u tkun giet dikjarata l-htija ghar-reat li dwaru sar il-qbid tal-oggett.

Ghaldaqstant, il-fatt li l-attur, sussegwentement ghall-konfiska tal-vettura tieghu bis-sahha tal-ordni moghtija fis-sentenza tat-2 ta' Gunju 2014, gie liberat mill-akkuza li xjentement kien partecipi fir-reat ta' garr ta' oggetti zdazjati kontra d-

[17] Liema sentenza ghaddiet in gudikat.

dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, u l-fatt li gietm ichuda t-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-konfiska tal-vettura in kwistjoni, ma jiswewx biex jirrendu l-konfiska precedenti tal-istess vettura, ineffettiva jew ineffikacji. Dan l-istat ta' fatt supervenjenti ma jistax, fil-fehma tal-Qorti, jopera biex ixejjen it-trasferiment ta' proprjeta` lill-Gvern. Dan ghaliex b'dik l-ordni, il-vettura tal-attur kif rapprezentata mill-garanzija bankarja, ghaddiet ghand u saret proprjeta` tal-Gvern bid-drittijiet u obbligi kollha li l-jedd tal-proprjeta` ggib mieghu, izda zgur mhux bl-obbligu li dak l-oggett jigi ritornat lis-sid precedenti tieghu. Kif inghad, il-ligi ma tehtiegx li s-sid ikun instab hati ta' reat taht l-Ordinanza biex il-hwejjeg tieghu li jigu maqbuda bis-sahha tal-istess Ordinanza, jigu konfiskati u mghoddijin favur il-Gvern ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi l-unika talba li saret mill-attur fir-Rikors promotur hija ghar-rilaxx tal-vettura tieghu, liema talba, kif rajna, il-Qorti tista' tikkunsidraha bhala talba ghar-rilaxx tal-garanzija bankarja depozitata b'sostituzzjoni tal-imsemmija vettura. B'dak appena stabbilit, isegwi ukoll li din **it-talba ghar-rilaxx giet effettivament sorvolata bil-fatti supervenjenti ghall-istituzzjoni ta' din il-kawza, meta l-garanzija bankarja li sostitwiet il-vettura ghaddiet favur il-Gvern ta' Malta bl-ordni tal-Qorti fis-sentenza tat-2 ta' Gunju 2014 u saret proprjeta` tal-istess Gvern**.

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti għall-fehma li l-mertu tat-talba tal-attur f'din il-kawza safa fix-xejn u jinsab ezawrit billi ma hemm l-ebda rimedju li l-Qorti tista' jew imissha taghti galadarba l-qaghda attwali fattwali u legali tal-jeddijiet tal-attur gew determinati bis-sentenza tal-14 ta' Gunju 2014.

Huwa risaput li l-principju tal-*jus superveniens* ghandu skop wiesa' ta' applikazzjoni tant li jigi diversi drabi applikat mill-qrati taghna biex jissana u

jirregolarizza xi nuqqas procedurali, kif ukoll biex jezawrixxi xi punt legali meta l-pozizzjoni legali jew fattwali li tavvera ruhha fil-mori tal-kawza tissupervjeni dik li setghet kienet vigenti fil-mument ta' l-intavolar tal-kawza[18]. Gie ritenut illi dan il-principju jithaddem anke biex jissana xi nuqqas procedurali li, skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien meta tkun giet intavolata l-kawza in kwistjoni, ikun jirrendi l-istess kawza irritwali, nulla, intempestiva jew b'xi mod iehor eccepibbli[19].

Dan huwa proprju l-effett li jipproduci l-*jus supervenjens* fil-kaz odjern b'effett tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura tal-attur, ossia l-garanzija bankarja rapprezentanti l-istess vettura, fil-mori ta' dan il-procediment. Billi kif gie appena stabbilit, il-vettura u kwindi wkoll il-garanzija bankarja, ma tistax iktar tinghata lura lis-sid, il-Qorti tqis illi l-mertu kollu tal-azzjoni attrici gie ezawrit bl-ghoti tas-sentenza tat-2 ta' Gunju 2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Elbourawi Mohamed**. Dan ifisser ukoll illi m'huwiex mehtieg li jigu investiti u determinati l-eccezzjonijiet l-ohrajn li gew sollevati mill-konvenut fir-Risposta tieghu tal-20 ta' Gunju 2014. Il-Qorti hija tal-fehma li l-istharrig taghha f'din il-kawza tista' tieqaf hawn.

**Madanakollu, ghall-fini tad-determinazzjoni tal-kap tal-ispejjez, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li meta giet intavolata l-azzjoni odjerna, it-talba tal-attur ghar-rilaxx tal-vettura tieghu kienet legalment sostennibbli, kif ukoll il-fatt li l-ordni tal-Qorti ghall-konfiska tal-hwejjeg, ossia vettura, tal-attur inghatat fi proceduri li ma kienx partecipi fihom, tant illi t-talba ghall-konfiska fil-proceduri kriminali kontra l-attur, giet michuda,**

---

[18] ***Carmel Muscat vs Anthony Micallef*** – Qorti ta' l-Appell Kummercjali – deciza 18 ta' Jannar 1993.
[19] Ara ***Joseph Debono vs Anthony Mario Vella*** – Qorti tal-Kummerc – deciza 2 ta' April 1994.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut stante li din giet sorvolata permezz tal-korrezzjoni awtorizzata bid-digriet tat-30 ta' April 2019, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara l-mertu tal-azzjoni attrici ezawrit bis-sahha tal-ordni moghtija fis-sentenza li nghatat fit-2 ta' Gunju 2014 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Elbourawi Mohamed' u konsegwentement, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-attur.**

**Tordna li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**